*EDIZZJONI STRAORDINARJA*
*EXTRAORDINARY EDITION*

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

12,069] It-Tnejn, 2 ta' Ottubru, 1967 / *Monday, 2nd October, 1967* [Prezz 2d. / [*Price 2d.*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

[Nru. 642]

### L-ONOR. MINISTRU TAL-ĠUSTIZZJA U L-AFFARIJIET TAL-PARLAMENT JERĠA' JIDĦOL GĦAD-DOVERI TIEGĦU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Dott. T. Caruana Demajo, LL.D., M.P., reġa' daħal għad-doveri tiegħu bħala Ministru tal-Ġustizzja u l-Affarijiet tal-Parlament fid-29 ta' Settembru, 1967, u illi l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 599 tad-19 ta' Settembru, 1967, huma b'din ikkanċellati.

It-30 ta' Settembru, 1967.
(OPM/427/66)

[Nru. 643]

### KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 15) KODIĊI KRIMINALI (KAP. 12)

**Doveri ta' l-Imħallfin tal-Maestà Tagħha**

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtijin bl-artikolu 11 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 15) u bl-artikoli 508A u 513 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 12), l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur-Ġenerali ordna illi jsiru l-arranġamenti li ġejjin dwar id-doveri ta' l-Imħallfin tal-Maestà Tagħha fil-Qrati msemmijin hawn taħt b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 1967.

## GOVERNMENT NOTICES

[No. 642]

### RESUMPTION OF DUTIES BY THE HON. MINISTER OF JUSTICE AND PARLIAMENTARY AFFAIRS

IT is notified for general information that the Hon. Dr T. Caruana Demajo, LL.D., M.P., resumed duties as Minister of Justice and Parliamentary Affairs on the 29th September, 1967, and that the arrangements made by Government Notice No. 599 of the 19th September, 1967, are hereby cancelled.

30th September, 1967.

[No. 643]

### CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 15) CRIMINAL CODE (CAP. 12)

**Duties of Her Majesty's Judges**

IN exercise of the powers conferred by section 11 of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 15) and by sections 508A and 513 of the Criminal Code (Chapter 12), His Excellency the Governor-General has directed that the following arrangements be made regarding the duties of Her Majesty's Judges in the Courts hereunder mentioned with effect from the 1st October, 1967.

L-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 565 datata l-20 ta' Ottubru, 1964, dwar il-Qrati msemmija huma emendati f'dak is-sens.

QORTI KRIMINALI TAL-MAESTA' TAGĦHA

L-Onorevoli s-Sur Imħallef J. Flores, B.L.Can., LL.D., joqgħod fil-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha u, kull meta huwa ma jkunx jista' joqgħod minħabba l-liġi jew ikun inkapaċitat li joqgħod minħabba raġuni ta' mard jew assenza minn dawn il-Gżejjer, l-Onorevoli s-Sur Imħallef M. Caruana Curran, B.A., LL.D., joqgħod minfloku.

QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI TAL-MAESTA' TAGĦHA

L-Onorevoli s-Sur Imħallef Professur J. H. Xuereb, LL.D., joqgħod fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-Maestà Tagħha mas-Sinjurija Titgħu l-Prim Imħallef u President ta' dik il-Qorti, u ma' l-Onorevoli s-Sur Imħallef Professur J. J. Cremona, B.A., LL.D., D.Litt. (Rome), B.A. (Hons.) (Lond.), Ph. D. (Lond.), F.R. Hist. S., Viċi-President tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Maestà Tagħha.

Kull meta xi membru tal-Qorti msemmija ma jkunx jista' joqgħod minħabba l-liġi jew ikun inkapaċitat li joqgħod minħabba raġuni ta' mard jew assenza minn dawn il-Gżejjer, l-Onorevoli s-Sur Imħallef A. Gauci Maistre joqgħod minfloku.

L-Unur Tiegħu s-Sur Imħallef J. Flores, B.L.Can., LL.D., joqgħod fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-Maestà Tagħha għas-smigħ ta' appelli minn deċiżjonijiet tal-Qrati tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja fil-ġurisdizzjoni kriminali tagħhom u, kull meta huwa ma jkunx jista' joqgħod minħabba l-liġi jew ikun inkapaċitat li joqgħod minħabba raġuni ta' mard jew assenza minn dawn il-Gżejjer, l-Onorevoli s-Sur Imħallef J. J. Cremona, B.A., LL.D., D.Litt. (Rome), B.A. (Hons.) (Lond.), F.R. Hist. S., Viċi-President tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Maestà Tagħha, joqgħod minfloku.

It-2 ta' Ottubru, 1967.

The arrangements made by Government Notive No. 565 dated the 20th October, 1964, in respect of the said Courts are amended accordingly.

HER MAJESTY'S CRIMINAL COURT

The Honourable Mr. Justice J. Flores B.L.Can., LL.D., will sit in Her Majesty's Criminal Court and, whenever he is precluded by law or is incapacitated from sitting by reason of illness or absence from these Islands, the Honourable Mr Justice M. Caruana Curran B.A., LL.D., will sit instead.

HER MAJESTY'S COURT OF CRIMINAL APPEAL

The Honourable Mr. Justice Professor J.H. Xuereb LL.D., will sit in Her Majesty's Court of Criminal Appeal with His Honour the Chief Justice and President of that Court, and with the Honourable Mr. Justice Professor J.J. Cremona B.A., LL.D., D.Litt. (Rome), B.A. (Hons.) (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R. Hist. S., Vice-President of Her Majesty's Constitutional Court.

Whenever any member of the said Court is precluded by law or is incapacitated from sitting by reason of illness or absence from these Islands, the Honourable Mr. Justice A. Gauci Maistre will sit instead.

His Honour Mr. Justice J. Flores B.L. Can., LL.D., will sit in Her Majesty's Court of Criminal Appeal for the hearing of appeals from decisions of the Courts of Magistrates of Judicial Police in their criminal jurisdiction and, whenever he is precluded by law or is incapacitated from sitting by reason of illness or absence from these Islands, the Honourable Mr Justice J.J. Cremona B.A., LL.D., D. Litt. (Rome), B.A. (Hons.) (Lond.), Ph. D. (Lond.), F.H. Hist. S., Vice-President of Her Majesty's Constitutional Court, will sit instead.

2nd October, 1967.

[Nru. 644]

## NOMINA TA' AĠENTI MAĠISTRATI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur-Ġenerali, fuq il-parir ta' l-Onorevoli l-Prim Ministru, innomina lil Dott. Carmelo Schembri, B.A., LL.D., Maġistrat tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, biex jaġixxi bħala Maġistrat tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta mill-1 ta' Ottubru, 1967 sat-28 ta' Jannar, 1968 u lil Dott. Anthony Rutter Giappone, LL.D., biex jaġixxi bħala Maġistrat tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna matul l-istess perijodu.

It-30 ta' Settembru, 1967.

(MJ/151/48)

[No. 644]

## APPOINTMENT OF ACTING MAGISTRATES

IT is hereby notified for general information that His Excellency the Governor-General, acting on the advice of the Honourable the Prime Minister, has appointed Dr Carmelo Schembri, B.A., LL.D., Magistrate of Judicial Police for the Islands of Gozo and Comino, to act as Magistrate of Judicial Police for the Island of Malta as from 1st October, 1967 to the 28th January, 1968 and Dr Anthony Rutter Giappone, LL.D., to act as Magistrate of Judicial Police for the Islands of Gozo and Comino during the same period.

30th September, 1967.

Stampat fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni.
*Printed at the Department of Information*

# DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI — MALTA
## DEPARTMENT OF INFORMATION—MALTA

# PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
## OFFICIAL PUBLICATIONS

| | |
|---|---|
| Abattoirs (Inspections) by W.M. Gillespie ... ... ... | 4d |
| Accounting and Financing Procedure An Outline on, ... ... ... | 2s 0d |
| Afforestation of Waste Lands and Treeplanting by H.G. Keith ... | 6d |
| Afforestation and Water Conservation, by A. P. F. Hamilton, C.I.E., O.B.E., M.C. ... ... | 2s 0d |
| Avro-York Aircraft Crash, Report | 3s 6d |
| Air Transport Licensing Authority — Verbatim Report of Inquiry into application by Malta Metropolitan Airlines Ltd, October 1963 ... ... ... ... | £5 5s 0d |
| Approved Estimates 1965/66 ... | 8s 0d |
| Approved Estimates 1966/67 ... | 8s 0d |
| Budget Speech 1966 ... ... ... | 1s 0d |
| Budget Speech 1965/66 ... ... | 1s 0d |
| Colonial Regulations Part I ... | 1s 6d |
| Colonial Regulations Part II ... | 3s 6d |
| Committee of Enquiry into Milk Policy (1959) ... ... ... | 1s 6d |
| Constitutional Future of Malta (English) ... ... ... ... | 6d |
| Constitutional Future of Malta (Maltese) ... ... ... ... | 6d |
| Dairying in Malta and the Government Experimental Farm, by Prof. H.D. Kay, C.B.E., B.Sc., Ph.D., F.R.S. ... ... ... | 6d |
| Debates of the Legislative Assembly (Unrevised) each ... ... | 1s 0d |
| Debates of the Legislative Assembly (Official Report) ... ... ... | (price varies) |
| Development Plan of the Maltese Islands 1964/69 ... ... ... | 3s 0d |
| Diplomatic Consular and other Representations in Malta, Jan. 1967 ... ... ... ... ... | 1s 0d |
| Financial Statement 1961/62 ... | 6d |
| Future, The (2) ... ... ... | 1s 0d |
| General Elections (Results) 1950 ... | 6d |
| General Elections (Results) 1955 ... | 6d |
| General Elections (Results) 1966 ... | 1s 0d |
| Government Proposals on Pay and Grading Structure of Non-Industrial Employees in the Malta Government Service (1959) ... | 6d |
| Gozo Civic Council Estimates 1961/62 ... ... ... ... | 6d |
| Gozo Civic Council Estimates 1962/63 ... ... ... ... | 6d |
| Gozo Civic Council Estimates 1964/65 ... ... ... ... | 6d |
| Gozo Civic Council Estimates 1965/66 ... ... ... ... | 6d |
| Gozo Civic Council Estimates 1966/67 ... ... ... ... | 6d |
| Gozo Local Government Elections Report (1961) ... ... ... | 2d |
| Labour Government Progress Report 1955 (English) ... ... ... | 6d |
| Labour Government Progress Report 1955 (Maltese) ... ... ... | 6d |
| Labour Government Progress Report 1956/57 ... ... ... ... | 1s 0d |
| Loan Agreement, Malta Electricity Board Project between State of Malta and International Bank for Reconstruction and Development, 6th September 1963 ... | 1s 0d |
| Malta Financial Report 1960/61 ... | 8s 0d |
| Malta Financial Report 1964/65 ... | 8s 0d |
| Malta Police Salaries Commission 1961 ... ... ... ... | 1s 6d |
| Manoel Theatre Report ... ... | 2d |
| Plant Protection Needs in Malta by J.C.F. Hopkins ... ... ... | 2d |
| Port of Malta Development Scheme | 6d |
| Primary Schools 1948, Report on ... | 1s 3d |
| Rapporti ta' Ħidma tal-Gvern Nazzjonalista: — | |
| Ministeru ta' l-Agrikoltura, Enerġija u Komunikazzjonijiet ... | 6d |
| Ministeru ta' l-Edukazzjoni ... | 3d |
| Ministeru tal-Ġustizzja ... ... | 3d |
| Ministeru ta' l-Iżvilupp Industrijali u Turiżmu ... ... ... | 6d |
| Ministeru tax-Xogħlijiet u Djar ... | 8d |
| Uffiċċju tal-Prim Ministru ... | 3d |
| Religious Instruction Board, Report on ... ... ... ... ... ... | 4d |
| Public Service Commission (Function and Procedure) ... ... ... | 6d |
| Registers of the Medical Council Malta (annual) (each) up to 1966 | 3s 0d |
| Staff List of the Government of Malta 1965 ... ... ... | 5s 0d |
| Work of the Industrial Development Board ... ... ... ... | 6d |